**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Marzu 2024**

**Rikors Guramentat nru ; 253 /2023 AGV**

**MA**
**Vs**
**AD**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' MA datat 30 ta' Ottubru 2023,**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li taf is-segwenti fatti personalment:**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta` (17/08/2006) u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, B li twieldet nhar il-hdax ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (11/07/2007) u S li twieldet nhar it-tlieta ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (03/08/2010);

2. Illi kif ser jigri ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn wara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' ingurji gravi, eccessi, sevizzi, theddid, abbandun u anke vjolenza psikologika u ta' kontroll shih fil-konfront ta' martu; liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli;

3. Illi ser jirrizulta li l-konvenut ghandu problema ta' abbuz ta' drogi b'konsegwenza ta' liema huwa kien anke jisraq, tant li fl-ahhar xhur huwa anke tressaq il-Qorti u instab hati u qed jiskonta sentenza karcerarja;

4. Illi jrid jinghad li qabel tali sentenza, huwa kien abbanduna d-dar konjugali u lill-familtu u fattwalment huwa qatt ma mantna la lill-martu u lanqas liz-zewg uliedu, ghalkemm huwa ghadu sal-lum jippretendi li dawn huma b'xi mod propjeta` tieghu; agir li anke rrizulta waqt il-medjazzjoni meta huwa beda jipprova jintimida lill-martu!

5. Illi jinghad illi minhabba inadempjenza da parti tal-konvenut u l-attitudni tieghu, il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-kompromess u ghall-ftehim bonarju u fil-fatt minkejja li kien anke gie redatt abbozz ghal separazzjoni konsenswali, meta wasal il-jum li jinqara mal-medjatrici, huwa infurma lill-kulhadd li ma jridx jipprosegwi bl-istess u baqa' jippretendi li martu tibqa' tobdi dak li jghid hu!

6. Konsegwentement, il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat l-erbgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (24/10/2023)(Dok A).

**Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom ingurji gravi, eccessi, sevizzi, theddid, abbandun u anke vjolenza psikologika u ta' kontroll shih fil-konfront ta' martu, liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli;

2. Tafda s-setgha ta' genitur, u l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Omm b'dana illi l-Minuri jkomplu jghixu maghha u tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma u kunsens tal-konvenut;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jghalqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess ulied;

4. Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond l-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;

5. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;

6. Tassenja l-kirja tal-fond fl-indirizz erbatax (14) fi Pjazza San Leonardu gewwa l-Mosta esklussivament lill-komparenti Mara;

7. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

9. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;

10. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-registru pubbliku;

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt in subizzjoni.**

**Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ma ppresentax risposta entro t-terminu.**

**Rat illi, ghalhekk, gie dikjarat kontumaci.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-kawza in ezami hija talba ghall-firda personali, flimkien ma' talbiet ohra ancillari. Peress illi l-konvenut naqas milli jippresenta risposta, u ghalhekk lanqas ma seta' jressaq provi, il-Qorti ghandha biss il-verzjoni tal-attrici bhala fatti tal-

kaz, liema verzjoni ma setghetx tigi kontradetta. Ghaldaqstant il-Qorti tqis din il-verzjoni ta' fatti kif esposti mil-attrici bhala ippruvati u veritjieri.

Mill-provi prodotti irrisulta s-segwenti. Il-partijiet kienu zzewgu fl-2006 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, tal-eta' rispettiva ta' 17 u 13. Tul iz-zwieg kienu ttiehdu diversi proceduri kriminali kontra l-konvenut ghal numru ta' reati, fosthom dawk ta' serq u pussess aggravat ta' droga, ghal liema reati inghataw sentenzi u pieni ta' prigunerija effettiva. L-attrici qed titlob is-separazzjoni a bazi ta' ingurji u sevizzi, u abbandun min-naha tal-konvenut.

Mill-provi, inkluz mix-xhieda moghtija mill-attrici permezz tal-affidavit taghha ipprezentat nhar is-16 ta' Frar 2024, jirrizulta illi mill-bidu taz-zwieg tal-kontendenti l-piz tal-familja kien prattikament kollu fuqha u s-sitwazzjoni ddeterjorat drastikament kif twieldu z-zewgt itfal, li llum ghandhom 17-il sena u 13-il sena rispettivament.

L-attrici tispjega kif wara t-twelid ta' B  u S, iz-zewgt itfal minuri, is-sitwazzjoni aggravat b'tali mod illi l-konvenut abbanduna totalment id-dar konjugali, lill-minuri u anke l-hajja matrimonjali u dan beda jwassal ghal hafna disgwid bejn il-partijiet.

In-nuqqas ta' stabbilita` jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Louis Buhagiar, ir-rapprezentant tal-Jobsplus, u mid-dokumenti ezebiti minnu, minn liema jirrizulta li tul is-snin, A D  minkejja li kellu familja qatt ma zamm impjieg fiss u anke meta ma kienx jahdem, huwa ma kienx jaghmel sforz biex isib impjieg. Ulterjorment, mix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tal-Ufficju Elettorali u d-dokumenti minnu ezebiti, jirrizulta illi mis-sena 1996 sal-lum, il-konvenut kellu varji residenzi, anke meta suppost kien mizzewweg lill-attrici. Illi ghalhekk, mill-

provi prodotti minnha, jidher car li l-hajja tal-konvenut kienet ikkaratterizzata minn instabilita' konsistenti, li zgur affettwat il-hajja konjugali u liz-zewg minuri.

L-attrici fil-fatt fix-xhieda taghha tispjega kif hi kienet iddecidiet li tiffoka fuqha innifisha u fuq kollox fuq uliedha, u dan ukoll kien sors ta' glied ma' zewgha li kien jippretendi li jibqa' jiddettalha hajjitha, sakemm huwa beda jevita li jersaq lejn id-dar matrimonjali b'mod totali. Jirrizulta li qabel inbeda l-process ta' separazzjoni, fattwalment, il-partijiet kienu ilhom diga' jghixu separati de facto sa mis-sena 2022 meta huwa abbanduna totalment lill-familtu u anke d-dar konjugali u kien javvicinahom biss meta jkollu bzonn il-flus.

Fil-fatt, mill-fedina penali ezebita[1] minn Dr Alexia Aquilina, ghan-nom tal-Ufficju tal-Kondotti, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024, jirrizulta illi sa mis-sena 1997, il-konvenut kellu kaz kriminali wara l-iehor u spiss instab hati, principalment wara reati kommessi in konnessjoni ma' drogi u serq varju. Fil-prezent huwa ghadu qed jiskonta sentenza karcerarja gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin wara li ghal darb'ohra rega' instab hati fil-21 ta' Lulju 2023. Dawn ukoll gew ikkorroborati mis-sentenzi li nghataw fil-konfront tieghu u li gew esebiti mir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Fl-affidavit taghha, l-attrici tixhed ukoll bil-mod segwenti:

> "I decided to keep away from him and continue with my life in a way that suits me and my two daughters who now depended totally on me. I thought that by keeping away I would avoid problems and stress. As I did not want the situation to escalate, I kept on giving him chances in the hope that he would enter a rehabilitation programme so that he can get better, but he would not listen to me and completely rejected the idea so much so that he

[1] A fol. 92 sa 101 tal-process

ended up in prison. It was then, that I decided that we have reached a point of no return."

Ix-xhieda tal-attrici hija kkorroborata mix-xhieda u d-dokumenti ezebiti minn Louis Buhagiar, rapprezentant tal-Jobsplus, u fil-fatt jirrizulta li b'effett minn Ottubru 2022 hija bdiet tahdem b'mod konsistenti u tmantni liz-zewg uliedha minuri wahidha.

Jirrizulta wkoll, li minkejja li tul is-snin, A D , kien ippercepixxa xi beneficcji socjali u fis-sena 2023, huwa adirittura rcieva s-somma ta' Eur 1,200 rapprezentanti bonus addizzjoni ghall-gholi tal-hajja, li skont ix-xhieda ta' Saviour Theuma[2], kien intiz ghall-familja, huwa zamm l-istess ghalih innifsu u m'ghadda xejn lill-martu.

Dan ifisser, ghalhekk, illi l-konvenut ghandu jigi attribwit lilu l-htija ghat-tifrik taz-zwieg, a bazi ta' ingurji, sevizzi, u abbandun. B'konsegwenza ta' hekk, il-konvenut qed jigi dikjarat illi qed jiddekadi minn kull dritt li jitlob manteniment ghalih.

Kwantu ghall-kura w kustodja tal-minuri, il-Qorti taqbel bis-shih ma' dak sottomess mill-attrici fin-nota finali taghha, li hi ghandha tigi vestita mhux biss bil-kura w kustodja taz-zewgt itfal, izda talli anke ghandha tinghata s-sethga ta' genitur billi lill-konvenut titnehha tali setgha. B'dan il-mod, stante li l-konvenut kien assenti fil-hajja ta' uliedu, l-attrici tkun tista' tapplika mal-awtoritajiet kollha lokali ghal passaport, ezami edukattiv, skola, intervent ta' sahha, u kwalunkwe htiega ohra li tista' tinqala' minn zmien ghal zmien, minghajr ma jkollha ghalfejn tottjeni l-firma u l-kunsens tal-konvenut.

[2] Ara x-xhieda moghtija minn Saviour Theuma nhar il-11 ta' Jannar 2024

L-attrici tissottometti wkoll li l-konvenut ghandu jissomministra manteniment ghall-ulied fis-somma ta' €250 ghal kull wild, li jinkludi wkoll sehemu mill-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni. Il-Qorti taqbel perfettament ma' din is-sottomissjoni, u ghaldaqstant anke din it-talba sejra tintlaqa'.

Kwantu ghal manteniment pagabbli direttament lill-attrici, il-Qorti hi tal-fehma li dan ghandu jigi likwidat fis-somma ta' €200 fix-xahar, izda li jsir pagabbli lill-istess attrici jekk hi tigi mwaqqfa mix-xoghol taghha u ma ssibx xoghol iehor minnflok. Dan qed jinghad peress illi fil-present l-attrici ghandha impieg, izda l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tenut kont ukoll tad-diffikultajiet li ghaddiet minnhom l-attrici flimkien mat-tfal, tordna li tali manteniment qed jigi likwidat mas-sentenza, izda jibda jithallas mill-konvenut mal-waqfa tal-impieg taghha. Ghalhekk ma jkunx necessarju li jigu istitwiti proceduri ohra ghal dan il-ghan.

Dwar il-likwidazzjoni tal-assi, l-attrici issottomettiet illi ma kellhom ebda proprjeta' imobbli f'isimhom. Dan jaghmel id-divizjoni tal-komunjoni hafna aktar facli. Id-dar matrimonjali hija abitata mill-attrici u t-tfal, u hekk ghandu jibqa'. Din ir-residenza hija hekk okkupata b'titolu ta' kera, li ghalhekk ser jigi assenjat b'mod shih lill-attrici, ad eskluzjoni tal-konvenut. Bis-sahha ta' din il-parti tas-sentenza, il-konvenut m'ghandu ebda titolu validu fil-ligi fuq din il-proprjeta' jew fuq l-uzu taghha. Kwantu ghall-kumplament ta' assi, kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji hekk irregistrati f'isimha, kif ukoll vetturi registrati. Fl-eventwalita' li jirrisulta xi dejn mill-attivita' tal-konvenut, dan ghandu jigi assenjat lilu u l-attrici tigi mehlusa minn kull obbligu ta' hlas f'dan is-sens.

In succinct, ghalhekk, it-talbiet kollha tal-attrici sejrin jintlaqghu, a spejjez tal-konvenut kontumaci.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:
TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom ingurji gravi, eccessi, sevizzi, theddid, abbandun u anke vjolenza psikologika u ta' kontroll shih fil-konfront ta' martu, liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli;

2. Tafda s-setgha ta' genitur, u l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Omm b'dana illi l-Minuri jkomplu jghixu maghha u tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma u kunsens tal-konvenut;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €250 Ewro fix-xahar ghal kull wild, u dan sakemm l-istess jghalqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex

ihallas il-manteniment hekk kif likwidat, liema ammont jinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess ulied;

Dan il-manteniment ghandu joghla kull sena ai termini tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja,

4. Tiffissa manteniment ghall-esponenti fis-somma ta' €200 fix-xahar, li jsiru pagabbli mill-konvenut fl-eventwalita' li l-attrici ma jkollhiex impieg, liema ammont jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

   Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;

5. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess hekk kif deskritt fis-sentenza.

6. Tassenja l-kirja tal-fond fl-indirizz erbatax (14) fi Pjazza San Leonardu gewwa l-Mosta esklussivament lill-komparenti Mara;

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' u tat-tminn talba, stante li ma rrisulta ebda prova f'dan is-sens.

8. Tapplika in toto kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;

9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-Registru Pubbliku;

**L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- DEP REG**